MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 124/2003

**Carmel sive Charles jew Charlie Bianco, f'ismu u ghad-ditta C. Bianco Auto Dealer**

**vs**

**Raymond Gauci**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Jannar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur proprio et. nomine s-somma ta' elf erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm1483.88) rappresentanti l-hlas ta' diversi kambjalijiet mahruga fl-ammont ta' Lm370.97 kull wahda pagabbli kull xahar fuq medda ta' diversi xhur. Il-konvenut naqas li jhallas erba' kambjali li mmaturaw fit-30 ta' kull xahar bejn Settembru 2000 u Novembru 2002.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-maturita' tal-kambjali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' John Sultana ghan-nom ta' l-attur proprio et.nomine, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe' l-erba' kambjali mertu tal-kawza li gew immarkati bla Dokument RG1 sa RG4.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur proprio et.nomine s-somma ta' elf erba' miija u tlieta u tmenin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm1483.88), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

-------------------------------TMIEM-------------------------------